**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**-vs-**

**ATIEM FARRUGIA, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 0004100L**

*Każ Nru.: 783/2024*

Illum, 20 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Atiem Farrugia**, u ċioè talli:

Nhar it-Tlieta 01 t'Ottubru 2024 għall-ħabta tas-sebgħa ta' flgħaxija (19:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa r-residenza fond 'Sunflower', Flat 6, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas**-sieħba tiegħu Luana Debono** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq is-**sieħba tiegħu, l-istess Luana Debono** hekk kif ġiet iċċertifikaha mit-tabiba Dr. Maria R. Borġ M.D bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 2206 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u dan meta d-delitt sar fuq il-persuna ta' il-konjugi attwali jew eks konjugi sieħba f'unjoni ċivili, jew koabitanta, kif wkoll meta d-delitt sar fuq is-**sieħba tiegħu Luana Debono** li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat kif wkoll meta d-delitt sar fuq is-**sieħba**

**tiegħu Luana Debono** li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le u dan bi ksur tal-***Artiklu 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 202(h)(i)(v)(vi) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi ikkaġuna lis-**sieħba tiegħu Luana Debono** biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, liema delitt twettaq kontra il-konjugi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur tal-***Artikoli 251(3), 251H(a)(f) u 251HA tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

3. U aktar talli nhar Tlieta 01 t'Ottubru 2024 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (19:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-gżejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Luana Debono biex tagħmel jew tonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha , jew biex jimmalafama lil Luana Debono jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-***Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.***

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan, u taħt l-istess ċirkostanzi mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra Luana Debono u dan bi ksur tal-***Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.***

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi ġewwa r-residenza fond 'Sunflower', Flat 6, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar għamel inġurji jew theddid lil Luana Debono liema inġurji mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-***Artiklu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Atiem Farrugia għal benefiċċju ta' Luana Attard u l-familjari tagħha u dan ai termini tal-***Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provedimenti tal-***Artikoli 382A u 383 tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat ***fl-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

Ikkunsidrat:

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-2 t'Ottubru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali netta tal-imputat, tal-ammissjoni ferm bikrija tiegħu kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation.

Ġie kunsidrat li bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 202(h)(i)(v)(vi), 214, 215, 221(1)(a), 251(3), 251H(a)(d)(f), 251HA, 339(1)(b)(e) tal-Kodiċi Kriminali w l-

Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet tikkundannah ghal għaxar (10) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi ghal sentejn (2) millum.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali qed tqiegħed l-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni għal sentejn (2) millum u flimkien ma' din is-sentenza qiegħda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Luana Debono għal żmien tlett (3) snin millum.

Inoltre qed jiġi ordnat li isem il-parte leża ma jixxandarx fuq il-media jew mezzi soċjali.

A tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Dipartiment tal-Probation u Parole.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**